IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.5.2024
COM(2024) 208 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-evalwazzjoni tal-Istrumenti ta' Finanzjament Estern tal-Unjoni Ewropea għall-Oqfsa Finanzjarji Pluriennali 2014-2020 u 2021-2027

{SWD(2024) 133 final}

Kontenut

1. Kuntest 2
2. Evalwazzjoni 4
3. Konklużjonijiet 6

1. Kuntest

Din l-evalwazzjoni għandha l-objettiv ġenerali li tivvaluta jekk l-Istrumenti ta' Finanzjament Estern (EFIs) attwali humiex adattati aħjar għall-iskop tagħhom u jippermettu lill-UE tinvolvi ruħha aħjar fil-kooperazzjoni esterna minn dawk preċedenti. L-objettivi speċifiċi huma li tiġi vvalutata l-prestazzjoni tal-EFIs f'termini tal-valur miżjud tal-UE, l-effettività, l-effiċjenza, l-impatt, il-flessibbiltà u l-kapaċità ta' reazzjoni għall-prijoritajiet politiċi u ta' politika li qed jinbidlu, l-ambitu għas-simplifikazzjoni, il-koerenza, is-sinerġiji u r-rilevanza kontinwa tal-objettivi tal-EFIs. Barra minn hekk, l-użu u l-funzjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna (EAG), inkluż l-ammont massimu tagħha, huma vvalutati wkoll f'termini tal-addizzjonalità u l-kontribut tagħha għall-objettivi u r-riżultati ġenerali.

L-EFIs li ġejjin huma soġġetti għal din l-evalwazzjoni:

QFP 2021-2027

- Il-komponent tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) — Ewropa Globali inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli +/il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna (EFSD +/EAG), kif ukoll ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jissupplimenta r-Regolament NDICI-Ewropa Globali[1],
- L-istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni[2] III (IPA III) kif ukoll ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jissupplimenta r-Regolament IPA III[3] u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-regoli speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-IPA III[4]
- L-Istrument Ewropew għall-Kooperazzjoni Internazzjonali dwar is-Sikurezza Nukleari (INSC) [5],
- Id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea, inkluż Greenland (DOAG)[6].

QFP 2014-2020

[1] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021R1530
[2] l-IPA III:L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (2021-2027) EUR-Lex (europa.eu)
[3] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32021R2128
[4] https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_impl/2021/2236/oj
[5] Ir-Regolament - 2021/948 - MT - EUR-Lex (europa.eu)
[6] Deċiżjoni - 2021/1764 - MT - EUR-Lex (europa.eu)

- L-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp ("Development Cooperation Instrument" - DCI)[7],
- L-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)[8],
- L-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI)[9],
- L-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (Instrument contributing to Stability and Peace - IcSP)[10],
- L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA)[11],
- L-Istrument ta' Sħubija għall-Kooperazzjoni ma' Pajjiżi Terzi (PI)[12],
- Id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija (OAD)[13],
- Id-Deċiżjoni Greenland (GD)[14],
- Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EDF)[15],
- Ir-Regolament Komuni ta' Implimentazzjoni li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna[16],
- Il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) li, għalkemm mhux strument tal-baġit tal-UE, huwa kopert ukoll mill-evalwazzjoni[17].

Din l-evalwazzjoni titwettaq f'konformità mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament NDICI - Ewropa Globali, l-Artikolu 13(6) tar-Regolament IPA III, l-Artikolu 81 tad-DOAG u l-Artikolu 14(1) tal-INSC. Dan jinkludi u jibni fuq l-evalwazzjoni finali tal-EFIs taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014–2020.

[7] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32014R0233
[8] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32014R0235

[9] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32014R0232&from=EN
[10] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32014R0230&from=EN
[11] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32014R0231
[12] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32014R0234&from=EN
[13] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32013D0755
[14] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.L_.2014.076.01.0001.01.ENG
[15] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.L_.2017.249.01.0001.01.ENG
[16] https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/43f92a44-af94-11e3-86f9-01aa75ed71a1/language-en
[17] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32015R0322

L-evalwazzjoni tal-EFIs taħt il-QFP 2014–2020 tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020. Fir-rigward tal-EFIs taħt il-QFP 2021–2027, l-evalwazzjoni tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2022.

L-ambitu ġeografiku tal-evalwazzjoni jikkorrispondi għal dak imsemmi fl-atti legali soġġetti għall-evalwazzjoni.

Dan ir-rapport jippreżenta l-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni wara l-evalwazzjoni ppreżentata fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal mehmuż.

2. Evalwazzjoni

- **Effettività u effiċjenza**

L-istat attwali tal-implimentazzjoni tal-EFIs jindika li dawn jinsabu fit-triq it-tajba biex jilħqu l-objettivi li kienu mistennija jissodisfaw fiż-żmien tal-adozzjoni tagħhom u dawn l-objettivi għadhom rilevanti.

Il-NDICI-Ewropa Globali indirizza n-natura frammentata tal-arkitettura preċedenti, u għaqqad diversi EFIs tal-QFP preċedenti. Huwa integra wkoll l-11-il FEŻ iffinanzjat barra mill-baġit tal-UE li kopra l-Afrika sub-Saħarjana, il-Karibew u l-pajjiżi tal-Paċifiku. Il-NDICI-Ewropa Globali jkopri wkoll il-Viċinat flimkien ma' reġjuni oħra, filwaqt li jippreserva l-ispeċifiċitajiet tiegħu.

L-IPA III jirrappreżenta bidla lejn approċċ aktar xprunat mill-politika u reattiv meta mqabbel mal-predeċessuri tiegħu. Dan evolva minn strument ibbażat fuq is-settur għal strument aktar olistiku li jipprijoritizza l-politika. Barra minn hekk, l-IPA III jirrifletti l-prijoritajiet u l-iżviluppi tal-politika tal-UE fit-tħejjija tal-benefiċjarji għas-sħubija futura tal-Unjoni. L-IPA III kien effettiv fil-promozzjoni tal-iżvilupp soċjoekonomiku u fl-ingranaġġ tal-investimenti meħtieġa skont il-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment filwaqt li hemm il-ħtieġa li titħaffef aktar il-konverġenza mal-UE.

F'termini ta' effiċjenza tar-riżorsi tal-UE, l-integrazzjoni fi ħdan l-NDICI-Ewropa Globali u l-IPA III tal-EFSD+ tippermetti l-użu akbar ta' riżorsi finanzjarji pubbliċi limitati tal-UE bħala ingranaġġ għall-investimenti pubbliċi u privati.

Wara l-konklużjonijiet tar-Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-2017 (MTR), l-EFIs attwali jinkludu karatteristiċi ta' flessibbiltà, li wrew ir-rilevanza tagħhom b'rispons għall-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

Fl-IPA III, in-nuqqas ta' pakketti finanzjarji tal-pajjiżi stabbiliti minn qabel ippermetta aktar flessibbiltà għall-assistenza tal-programm skont ħtiġijiet urġenti u li qed jevolvu.

- **Koerenza**

Il-NDICI-Ewropa Globali huwa mirfud mill-prinċipju tal-ġeografija, jiġifieri l-implimentazzjoni tal-istrument primarjament permezz ta' programmi ġeografiċi, li għandhom jiġu kkomplementati minn programmi tematiċi u azzjonijiet ta' rispons rapidu. Dan iċċara l-artikulazzjoni bejn l-azzjonijiet ġeografiċi, tematiċi u ta' rispons rapidu, u b'hekk żied il-koerenza u l-influwenza ġeopolitika, u indirizza kwistjonijiet li jirriżultaw mit-trikkib bejn l-għadd kbir ta' EFIs 2014–2020. L-applikazzjoni tal-loġika tal-ġeografikazzjoni saħħet l-involviment tal-UE mal-atturi kemm fil-livell tal-pajjiż kif ukoll f'dak reġjonali, u dan wassal għal approċċ aktar immirat. L-integrazzjoni tal-EFSD+ fl-NDICI-Ewropa Globali żiedet il-koerenza tal-azzjoni esterna tal-UE. Il-ġeografikazzjoni tista' tkompli tindirizza l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw il-pajjiżi fraġli u milquta mill-kriżijiet.

L-IPA III jiżgura l-komplementarjetà bejn il-programmi differenti appoġġati taħt l-istrument.

Hemm ukoll koerenza integrata bejn l-EFIs attwali, peress li l-IPA III, id-DOAG u l-INSC jirreferu għall-NDICI-Ewropa Globali fir-rigward tal-implimentazzjoni tagħhom.

Minbarra t-tisħiħ tas-sinerġiji ma' EFIs oħra mhux koperti minn din l-evalwazzjoni, l-EFIs attwali fittxew li jtejbu l-koerenza mal-politiki interni tal-UE.

- **Il-valur miżjud tal-UE**

L-EFIs jippermettu lill-UE teżerċita aħjar l-ingranaġġ bħala attur tal-iżvilupp, attur globali u attur ġeopolitiku. Il-NDICI-Ewropa Globali ġab valur miżjud sinifikanti billi pprovda offerta aktar integrata, imdaqqsa u koerenti lid-dinja meta mqabbel mal-QFP preċedenti, tejjeb il-kapaċità tal-pajjiżi sħab li jindirizzaw prijoritajiet konġunti mal-UE u jindirizzaw l-isfidi globali. L-EFIs attwali żiedu l-involviment kollettiv tal-atturi Ewropej fil-kooperazzjoni esterna tal-UE f'approċċ ta' Tim Ewropa, li jibni fuq l-għarfien u l-għarfien espert tal-Istati Membri tal-UE. Il-valur miżjud tal-IPA III jirriżulta mill-objettiv distint tiegħu li jħejji lill-benefiċjarji għal sħubija futura fl-Unjoni, ibbażat fuq il-valuri Ewropej.

Minkejja li jinsab fl-istadji bikrija tiegħu, l-EFSD+ diġà wera l-effett katalitiku tiegħu fil-mobilizzazzjoni ta' finanzjament u għarfien espert addizzjonali, u b'hekk ikkontribwixxa għall-iżvilupp u t-tkabbir sostenibbli. Dan il-kontribut jallinja mal-implimentazzjoni tal-inizjattiva Global Gateway li hija l-istrateġija tal-UE biex tagħti spinta lir-rabtiet intelliġenti, nodfa u siguri fis-setturi diġitali, tal-enerġija u tat-trasport u biex issaħħaħ is-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka madwar id-dinja, inkluż permezz tal-Pjanijiet Ekonomiċi u ta' Investiment fil-Viċinat. Huma paralleli mar-rwol tal-Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent taħt l-IPA III.

3. Konklużjonijiet

Il-konklużjonijiet tar-rapport MTR tal-2017 li jkopru l-EFIs taħt il-QFP 2014 2020 baqgħu validi għall-perjodu kollu ta' dak il-QFP tal-passat u fil-biċċa l-kbira ġew ikkunsidrati fit-tfassil tas-sett attwali ta' strumenti.

Ir-Regolamenti NDICI-Ewropa Globali, IPA III, DOAG u INSC, kif ukoll ir-Regolamenti delegati relatati ma jeħtiġux emenda leġiżlattiva f'nofs it-terminu.

NDICI-Ewropa Globali

- B'mod ġenerali, il-NDICI-Ewropa Globali wera li huwa adattat għall-iskop tiegħu. L-istat attwali ta' implimentazzjoni tiegħu jindika li jinsab fit-triq it-tajba biex jilħaq l-objettivi li kien mistenni jissodisfa fiż-żmien tal-adozzjoni tiegħu u dawn l-objettivi jibqgħu rilevanti.
- Fil-kuntest ġeopolitiku li qed jevolvi, il-NDICI-Ewropa Globali jservi wkoll b'mod effettiv bħala għodda ewlenija għall-introduzzjoni tal-istrateġija Global Gateway, inklużi l-Pjanijiet Ekonomiċi u ta' Investiment għas-Sħubija tal-Lvant u l-Viċinat tan-Nofsinhar.
- Il-NDICI-Ewropa Globali ppermetta wkoll lill-UE tippromwovi l-politiki u l-prijoritajiet interni tagħha b'mod aktar koerenti lejn id-dinja esterna. Sabiex tissaħħaħ il-koerenza bejn l-objettivi tal-azzjoni interna u esterna, jeħtieġ li jikkontribwixxi aħjar għal approċċ integrat li jibbilanċja l-interessi, is-sħubijiet u l-valuri tal-UE.

- F’termini ta’ kisbiet ta’ simplifikazzjoni, il-NDICI-Ewropa Globali jipprovdi bażi ġuridika unifikata għal sehem kbir tal-interventi esterni tal-UE u l-modalitajiet ta’ implimentazzjoni tagħhom.
- Billi ssostitwixxa għadd kbir ta’ EFIs tal-QFP preċedenti, il-NDICI-Ewropa Globali ġab miegħu żieda kbira fil-koerenza u l-komplementarjetà fir-rigward tal-azzjonijiet ġeografiċi, tematiċi u ta’ rispons rapidu u EFIs oħra.
- Għalkemm l-implimentazzjoni tal-EFSD+ tinsab fi stadju bikri, diġà wriet l-effett katalitiku tagħha li tingrana finanzjament u għarfien espert addizzjonali li jikkontribwixxu għall-iżvilupp u t-tkabbir sostenibbli u l-implimentazzjoni tal-Global Gateway, inkluż permezz tal-Pjanijiet Ekonomiċi u ta’ Investiment fil-Viċinat.
- Il-kontribut tas-settur privat permezz tal-EFSD+ huwa kruċjali għal użu effiċjenti tal-baġit tal-UE biex jappoġġa t-tkabbir sostenibbli fil-pajjiżi sħab. It-tqegħid tal-EFSD+ fl-NDICI-Ewropa Globali kkontribwixxa għas-simplifikazzjoni tal-modalitajiet ta’ implimentazzjoni kollha.
- Diversi karatteristiċi ta’ flessibbiltà fl-NDICI-Ewropa Globali wrew ir-rilevanza tagħhom biex isegwu l-prijoritajiet tal-UE kif ukoll biex jipprovdu appoġġ lill-pajjiżi sħab b’mod partikolari fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra ta’ aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-pressjonijiet migratorji, b’mod partikolari fil-Viċinat. Madankollu, tliet snin ta’ implimentazzjoni u r-riżerva tal-NDICI-Ewropa Globali kważi ġiet eżawrita u dan juri diskrepanza bejn il-fondi disponibbli u l-ħtiġijiet reali. Barra minn hekk, il-NDICI-Ewropa Globali ma tfassalx biex jappoġġa lill-pajjiżi fi gwerra fuq l-iskala meħtieġa mill-Ukrajna. Għalhekk, ġie adottat strument ta’ finanzjament ġdid, il-Faċilità għall-Ukrajna għall-perjodu 2024–27, biex jappoġġa lill-Ukrajna kemm fid-dawl tal-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa kif ukoll fit-triq tal-Ukrajna lejn is-sħubija fl-UE.
- Minn naħa, il-NDICI-Ewropa Globali ġeneralment jinsab fit-triq it-tajba biex jilħaq il-miri tal-infiq, minkejja li se jkunu meħtieġa aktar sforzi fis-snin li ġejjin għal xi wħud minnhom, bħall-klima. Min-naħa l-oħra, l-għadd kbir tagħhom illimita wkoll il-flessibbiltà tal-istrument.
- L-eżerċizzju ta’ programmazzjoni ppermetta b’suċċess li jiġu identifikati prijoritajiet kondiviżi ma’ pajjiżi sħab. Peress li d-dokumenti ta’ programmazzjoni jkopru firxa wiesgħa ta’ objettivi, hija meħtieġa prijoritizzazzjoni ulterjuri downstream. L-

ipprogrammar jibqa' proċess tqil, li min-naħa tiegħu jikkontribwixxi għal dewmien fil-bidu tal-fażi ta' implimentazzjoni.

- L-inklużjoni ta' Pilastru ta' Rispons Rapidu mhux programmabbli, marbut ma' tliet komponenti, li tnejn minnhom huma ġodda (Reżiljenza u Ħtiġijiet ta' Politika Barranija), tat lill-UE sett ta' għodod usa' biex tindirizza malajr prijoritajiet politiċi urġenti mhux previsti u emerġenti li ma jistgħux jiġu indirizzati permezz tal-eżerċizzju ta' programmazzjoni, kif ukoll biex timplimenta r-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp tal-paċi. Huma meħtieġa sforzi akbar biex l-approċċ ġenerali jsir aktar effettiv u biex tittejjeb il-koordinazzjoni bejn l-istrumenti ta' finanzjament rilevanti, b'mod partikolari fl-involviment ma' pajjiżi milquta minn kunflitti u kuntesti fraġli oħra.
- Il-NDICI-Ewropa Globali jġib valur miżjud sinifikanti lill-pajjiżi sħab fl-għoti ta' offerta aktar imdaqqsa u koerenti. Huma meħtieġa aktar sforzi fir-rigward tat-tnaqqis ta' azzjonijiet ta' rispons rapidu fuq terminu qasir ma' azzjonijiet fit-tul.
- Biex jiġi ffaċilitat it-tagħlim, it-titjib fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni jenħtieġ li jkun hemm iffukar fuq il-massimizzazzjoni tal-użu tal-analiżi kwalitattiva tar-riżultati.
- Biex jinkiseb valur miżjud akbar tal-UE u "approċċ sħiħ tal-UE", se jkunu meħtieġa aktar żmien u kollaborazzjoni bejn is-servizzi u mal-Istati Membri. Biex jiġu sfruttati aħjar it-twieqi ta' opportunità u jiġi massimizzat l-ambitu għall-ingranaġġ tal-UE, jistgħu jkunu meħtieġa strateġiji ta' rispons differenzjati.

L-IPA III

- L-IPA III wera l-effettività ġenerali tiegħu bħala strument ta' qabel l-adeżjoni u jinsab fit-triq it-tajba biex jilħaq l-objettivi ewlenin tiegħu. L-istrument huwa allinjat mal-metodoloġija l-ġdida tat-tkabbir bil-prinċipji fundamentali tal-proċess ta' adeżjoni mal-UE fuq quddiem nett. Dan jirrifletti wkoll il-prijoritajiet u l-iżviluppi tal-politika tal-UE, bħall-enfasi fuq il-prijoritajiet ekoloġiċi, diġitali u ekonomiċi, kif muri mill-enfasi fuq l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Ekonomiċi u ta' Investiment fil-Balkani tal-Punent.
- L-IPA III kien effettiv fil-promozzjoni tal-iżvilupp soċjoekonomiku u fl-ingranaġġ tal-investimenti meħtieġa skont il-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment, filwaqt li hemm bżonn li titħaffef aktar il-konverġenza mal-UE.
- L-IPA III huwa strument aktar diffiċli għall-benefiċjarji mill-predeċessuri tiegħu peress li jirrikjedi sjieda b'saħħitha u kapaċità ta' ppjanar strateġiku minnhom fuq l-

ipprogrammar bilaterali. Se jkunu meħtieġa aktar sforzi fit-tieni parti tal-QFP biex ir-reazzjonijiet strateġiċi tal-benefiċjarji jiġu ttrasformati f'dokumenti ta' ppjanar strateġiku pluriennali b'riformi u azzjonijiet prijoritizzati u sekwenzjati.

- Filwaqt li l-IPA III huwa mfassal bħala strument ibbażat fuq il-prestazzjoni kemm f'termini ta' ambitu kif ukoll ta' intensità tal-assistenza, l-ibbilanċjar tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni mal-prinċipju ta' sehem ġust illimita l-premju finanzjarju għall-benefiċjarji bi prestazzjoni tajba.
- L-IPA III kien partikolarment effiċjenti fl-użu ta' taħlita ta' modalitajiet u għodod, inkluż appoġġ baġitarju, għotjiet u investimenti. Inkisbu wkoll kisbiet fl-effiċjenza b'inqas azzjonijiet u b'azzjonijiet akbar, iżda hemm aktar lok biex jiġi ssimplifikat u kkunsidrat l-ipprogrammar pluriennali għall-ipprogrammar bilaterali.
- Is-sistema unifikata l-ġdida ta' monitoraġġ u rapportar, il-qafas tar-riżultati tal-IPA III, tippreżenta titjib konsiderevoli meta mqabbel mal-qafas tar-riżultati użat taħt l-IPA II. Huwa mistenni li jtejjeb l-ipprogrammar, il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni tal-IPA III.
- L-IPA III kien flessibbli fir-rispons għal avvenimenti esterni eċċezzjonali minkejja n-nuqqas ta' riżerva simili bħal fl-istrument NDICI-Ewropa Globali. In-nuqqas ta' pakketti finanzjarji tal-pajjiż stabbiliti minn qabel ipprovda l-flessibbiltà meħtieġa għall-assistenza tal-programm skont ħtiġijiet urġenti u li qed jevolvu.
- L-IPA III jiżgura l-konsistenza mal-istrumenti predeċessuri tiegħu u l-komplementarjetà bejn it-tipi differenti ta' programmi li jappoġġa. Huwa koerenti wkoll ma' oqsma oħra ta' azzjoni esterna u politiki interni tal-UE. Minħabba li l-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia issa saru pajjiżi tat-tkabbir, iżda jibqgħu ffinanzjati barra mill-IPA III, il-koerenza bejn l-IPA III u l-istrumenti li minnhom jirċievu l-assistenza tal-UE jenħtieġ li tiġi żgurata b'mod konsistenti.
- Bl-IPA III, l-UE hija l-akbar donatur fir-reġjun tat-tkabbir. Il-valur miżjud tal-UE huwa mmultiplikat bi sħubijiet li ilhom jeżistu, speċjalment ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u Stati Membri.
- L-objettivi ġenerali tal-IPA III li jħejji lill-benefiċjarji għal sħubija futura fl-Unjoni billi jżid l-allinjament tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-amministrazzjoni pubblika mal-*acquis* tal-UE u mal-istandards tal-UE jibqgħu rilevanti. L-IPA III se jiġi kkomplementat minn strument ta' finanzjament ġdid, il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent, li għandha l-għan li tkompli taċċellera r-riformi

soċjoekonomiċi fundamentali b'tip ġdid ta' finanzjament u kundizzjonalitajiet tal-pagamenti *ex ante*.

DOAG

- Id-DOAG uriet il-valur tagħha. Bl-amalgamazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Greenland u dik li qabel kienet l-OAD, dan l-istrument ta' assoċjazzjoni pprovda bażi legali unika għat-13-il Pajjiż u Territorju extra-Ewropew (PTEE), inkluża Greenland, b'kapitolu tal-baġit iddedikat, kif kien mitlub mill-Parlament Ewropew.
- Bl-inklużjoni ta' klawżola ta' riferiment lill-NDICI-Ewropa Globali għall-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni (ara l-Artikolu 81 tad-DOAG), żdiedet b'mod sinifikanti l-koerenza ma' EFIs oħra. Madankollu, il-limiti applikabbli għall-komitoloġija li jinsabu fl-NDICI-Ewropa Globali u msemmija fid-DOAG jistgħu jiġu adattati għall-ħtiġijiet ta' dan tal-aħħar.
- Il-PTEE ma jibqgħux jibbenefikaw minn pakkett iddedikat taħt il-faċilità tal-PTEE tal-Investiment tal-Bank Ewropew tal-Investiment iffinanzjata taħt l-11-il FEŻ. Issa għandhom aċċess għall-programm InvestEU fuq bażi kompetittiva, madankollu għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-impatt tiegħu fuq is-settur privat fil-PTEE.

INSC

- L-INSC huwa strument uniku li jikkomplementa l-NDICI - Ewropa Globali fil-qasam tal-kooperazzjoni nukleari, taħt il-bażi ġuridika tal-Euratom. Huwa adattat sew biex jindirizza l-isfidi fl-oqsma tas-sikurezza nukleari, il-ġestjoni tal-iskart radjuattiv u s-salvagwardji nukleari.
- L-ippjanar tal-INSC kien flessibbli biżżejjed biex iwieġeb għall-isfidi maħluqa mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.